**KUNSILL LOKALI SANTA VENERA**

**SANTA VENERA LOCAL COUNCIL**

44/19

**L-erbgħa u erbgħin (44) laqgħa (b'urġenza) tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar is-27 t' Awwissu, 2015 fis-19.30**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Segretarju Eżekuttiv |
| **Assenti:** | Is-Sinj. Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Horace Anastasi | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |

**Aġenda:**

Dar Thouret – Triq il-Fawwara Santa Venera

Il-laqgħa bdiet fis-7.30 ta' filgħaxija.

1. **Dar Thouret – Triq il-Fawwara Santa Venera**

Is-Sindku rrimarka li illum il-Ħamis 27 t'Awwissu, 2015 fis-12.52pm il-Kunsill irċieva talba għal sejħa ta' laqgħa b'urġenza fir-rigward tad-disturbazzjoni pubblika u numru ta' vjolazzjonijiet oħra li l-Kunsill ġie infurmat bihom waqt il-laqgħa pubblika li nżammet il-Ġimgħa 21 t'Awwissu 2015.

Sindku qal li skont l-Att dwar il-Kunsilli Lokali, Kapitlu 363 tal-Liġijiet ta' Malta, is-Sitt Skeda, Taqsima III, Artiklu 29a qiegħed ikun stipulat li laqgħa b'urġenza trid tissejjaħ sa mhux aktar tard minn tlett ijiem tax-xogħol minn meta issir it-talba.

Is-Sur Silvio Vella u is-Sur Jonathan Brimmer rrimarkaw li huma diżappuntati kif il-Kunsilliera li ressqu din it-talba biex issir laqgħa b'urġenza m'humiex preżenti.

Is-Sindku poġġa fuq il-mejda r-rapport tal-laqgħa tal-21 t'Awwissu 2015. Dan inqara mis-Segretarju Eżekuttiv u ġew approvat b'vot unanimu.

Is-Sindku nforma lill-membri li f'din l-aħħar ġimgħa ntbagħat komunikat lill-Ministru konċernat sabiex niffisaw laqgħa miegħu. Minn indikazzjonijiet li l-Kunsill għandu din il-laqgħa mhux ser issir qabel il-21 ta' Settembru 2015. Huwa żied jgħid li kienet għal din ir-raġuni li ma sejjaħx laqgħa b'urġenza qabel u għalhekk kien ser jiddiskuti din il-materja waqt il-laqgħa tal-Kunsill li ser issir fil-11 ta' Settembru 2015.

Is-Sindku żied jgħid li f'dawn l-aħħar ġranet kellu ltaqa' ukoll mas-CEO is-Sur Alfred Grixti, id-Direttur is-Sinj. Ruth Sciberras u r-Residential Manager is-Sinj. Glenda Camilleri. Hu ġie nfurmat li sitt tfajliet kienu ġew trasferiti mid-dar Joan Antide wara li kien hemm *care order* u għaldaqstant l-istess Ministru spiċċa responsabbli dirett għalihom. Fil-preżent f'din d-dar hemm 4 tfajliet fejn 2 minnhom qed jaħdmu, oħra qed tingħata taħriġ filwaqt li tfajla oħra għadha tattendi l-iskola.

Is-Sindku kompla billi nforma lill-membri li 2 tfajliet kienu ġew trasferiti f'appartament ieħor fi Triq il-Kbira San Ġużepp.

Is-Sindku qal li hu waqt din il-laqgħa rrimarka li:

- Din id-dar mhux attrezzata sabiex tilqa' dawn it-tip tat-tfajliet;
- Dawn it-tfajliet għandhom bżonn *therapeutic security*;
- Ikunu ssegregati u jibqgħu f'Jean Antide;
- Tinstab dar oħra attrezzata għalihom sabiex ma jkunux ta' inkonvenjent għar-residenti.

Is-Sindku qal li kien infurmat li din id-deċiżjoni trid tittieħed mill-Ministru konċernat.

Is-Sindku rrimarka li jrid ikun deċiż kemm u min ser jattendi għall-laqgħa li ser issir mal-Ministru konċernat kemm f'isem il-Kunsill u kemm ser ikunu nies li jirrappreżentaw lir-residenti.

Is-Sur Jonathan Brimmer issuġġerixxa lis-Sindku u s-Segretarju tal-Kunsill għandhom ikunu waqt din il-laqgħa bħala rappreżentanti tal-Kunsill filwaqt tlett (3) residenti għandhom ikunu rappreżentanti tar-resident. Huwa qal li rrapreżentanti jistgħu jkunu minn Triq il-Fawwara, Triq il-Ward jew Triq l-Għollieq.

Is-Sur Mangani ssekonda dak li qal is-Sur Brimmer u għaldaqstant ittieħed il-vot u din il-proposta għaddiet b'4 voti favur.

Is-Sindku nforma lill-membri li ser tintbagħat ittra lir-residenti ta' Triq l-Għollieq, Triq il-Ward u Triq il-Fawwara b'din l-informazzjoni u bir-rapport tal-laqgħa pubblika.

Is-Sindku nforma lill-membri li skont il-liġi u kif kien aġġornat fit-43 laqgħa tal-Kunsill, il-laqgħa li jmiss ser tkun fil-11 ta' Settembru, 2015 fil-17.30 b'aġenda li tkun ikkomunikata aktar tard.

Il-laqgħa ntemmet fit-19.58

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati llum: